**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 55/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Doriette Tabone)**

**vs**

**Stephen MICALLEF**

**Illum, 28 ta' Awwissu 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-7 ta' Frar 2023 fil-konfront ta' **Stephen MICALLEF**, ta' 47 sena, iben Julian u Mary Dolores nee` Micallef, imwieled il-Pieta` nhar is-26 ta' Novembru 1974 u residenti 130, Morning Breeze, Flat 2, Triq it-Torri, Msida, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 1175(M) li ġie mixli talli:

   1. Nhar it-13 ta' April 2022, f'dawn il-Gżejjer, permezz ta' network jew apparat ta' kommunikazzjoni elettroniku, għamel użu mhux xieraq bih (Artikolu 49(ċ) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. U aktar talli fl-istess data, lok, u ċirkostanzi, uża kliem jew imġieba ta' theddid, abbużiv jew insolenti, jew eżebixxa xi materjal miktub jew stampat li kien ta' theddid, abbużiv jew insolenti jew xort'oħra ġab ruħu b'dak il-mod, bil-ħsieb li b'hekk iqajjem vjolenza jew mibgħeda razzjali kontra xi persuna oħra jew grupp ta' persuni fuq bażi ta' ġeneru, identita` tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra u jew b'hekk ħoloq il-probbabilita` li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza jew mibgħeda razzjali (Artikolu 82A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-Artikoli 17, 31 u 82A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 49(ċ) tal-Kapitolu 339 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat (illum l-appellant) **Stephen MICALLEF** ħati tal-akkużi kif dedotti u kkundannatu komplessivament għall-piena ta' priġunerija ta' sitt (6) xhur, iżda bis-saħħa tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat li s-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk, matul il-perjodu ta' tlett (3) snin mid-data tas-sentenza, huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija; flimkien ma' multa fis-somma komplessiva ta' tlett elef ewro (€3,000).

Skont l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil **Stephen MICALLEF** fi kliem ċar u li jinftiehem, ir-responsabbilitajiet tiegħu taħt l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi **MICALLEF** appella minn din is-sentenza u talab lil din il-Qorti sabiex:

*"1. Tħassarha u tirrevokaha u minflok tilliberah minn kull piena u ħtija.*

***B'mod alternattiv:***

*2. F'każ li s-sentenza tibqa invarjata, tingħata piena aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi tal-każ."*

## D. RISPOSTA TAL-AVUKAT ĠENERALI

4. Illi l-Avukat Ġenerali wieġbet għar-rikors tal-appell billi talbet illi din il-Qorti tiċħad it-talba tal-appellant fl-intier tagħha, u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, inkluż il-piena nflitta, u dan għar-raġunijiet indikati fl-istess risposta.

## E. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

5. Illi l-partijiet trattaw l-appell quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-udjenza miżmuma fil-25 ta' Lulju 2023. Fl-udjenza miżmuma fit-8 ta' Jannar 2024, din il-Qorti, kif preseduta, issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u semgħet lill-partijiet jiddikjaraw illi kienu qed jistrieħu rispettivament fuq ir-rikors tal-appell u r-risposta għall-istess, kif ukoll fuq it-trattazzjoni li saret quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta.

## F. KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar it-13 ta' April 2022, il-Pulizija tas-sezzjoni *Cyber Crime* irċevew *email* mingħand Mark Sultana, *Chief Executive Officer* ta' *BirdLife Malta*, li permezz tagħha dan bagħat *screenshots* ta' kumment da parti ta' ċertu Stephen MICALLEF fuq *Facebook post* imtella' mill-Onor. Ministru Clint Camilleri. Sultana lmenta mal-Pulizija illi dan il-kumment ta' MICALLEF kien wieħed li jnissel mibgħeda u jinċita l-vjolenza fil-konfront ta' *BirdLife Malta*.

7. Jirriżulta wkoll illi sussegwentement, Mark Sultana nforma lill-Pulizija illi ma xtaqx jipproċedi u dan stante illi meta ġie mitlub minn PS 1257 Matthew Sacco għal-*links* tal-*post* biex dan ikun jista' jiġi preżervat, huwa ma setax isibhom.[1] Madankollu l-Pulizija kompliet bl-investigazzjoni tagħha u nhar it-30 ta' April 2022, l-appellant Stephen MICALLEF irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva fir-rigward tal-imsemmi rapport[2], u dan wara li huwa ngħata s-solita twissija u d-drittijiet tiegħu skont il-liġi, inkluż id-dritt għall-assistenza legali, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx[3]. Nhar it-13 ta' Ġunju 2022, bdew il-proċeduri fil-konfront tal-appellant MICALLEF quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u, kif ingħad, nhar is-7 ta' Frar 2023, ngħatat sentenza ta' ħtija fil-konfront tiegħu.

8. Illi permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jattakka s-sejbien ta' ħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) dwar l-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu. L-appellant jilmenta illi l-lingwaġġ utilizzat minnu fil-*Facebook post* in kwistjoni ma jinkwadrax ruħu f'dak il-komportament li l-leġislatur ried jissanzjona taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 49(ċ) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda semmai kien jagħti lok għal azzjoni ta' malafama jew inġurja taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama u mhux taħt dan l-artikolu tal-liġi. Skont l-appellant, in oltre, ma nġiebet l-ebda prova illi huwa għamel użu mhux xieraq minn apparat tat-telekomunikazzjoni u dan in kwantu r-rappreżentant tas-*Cyber Crime Unit* tal-Pulizija xehed illi mill-investigazzjoni tiegħu ma rriżultalu xejn u illi l-messaġġ tal-appellant ma sabux. L-appellant jisħaq illi huwa qatt ma ċaħad illi kien proprju hu li kiteb il-*post* mertu tal-kawża u illi kien dejjem konsistenti f'dak li qal, kemm meta rrilaxxja l-istqarrija tiegħu lill-Pulizija, kif ukoll meta xehed f'dawn il-proċeduri. Skont hu, l-unika prova li nġabet fil-konfront tiegħu hija illi huwa għamel użu minn *medium* ta' telekomunikazzjoni sabiex esprima opinjoni bħal ħafna oħrajn fuq is-*social media,* li wieħed jista' jaqbel magħhom jew ma jaqbilx. Madankollu, il-fatt li wieħed ma jaqbilx ma' dik l-opinjoni ma jistax jissarraf f'użu mhux xieraq ta' network jew apparat ta' telekomunikazzjoni, iżjed u iżjed meta min jagħmel ir-rapport ikun

[1] Ara x-xhieda ta' PS 1275 Matthew Sacco, a fol. 25 *et seq* tal-proċess.
[2] Ara din l-istqarrija a fol. 5 u 6 tal-proċess.
[3] Ara d-dikjarazzjoni tal-appellant, a fol. 4 tal-proċess.

għamel dan fuq assunzjoni u mhux għax il-kumment kien dirett lejh jew xi organiżżazzjoni illi huwa jirrappreżenta.

9. Illi l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika –
>
> (a) jhedded li jagħmel xi reat; jew
>
> (b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew
>
> (ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih,
>
> ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn ħames mitt euro (€500) għal kull jum li matulu jkompli r-reat:

In oltre tramite emenda għall-istess artikolu bis-saħħa tal-Att XI tas-sena 2018, żdied il-proviso tal-Artikolu 49 li, fiż-żmien tal-każ odjern, kien jaqra hekk:

> Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u Malafama m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att.

10. Illi mid-diċitura tal-liġi jirriżulta illi l-Artikolu 49 tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta, fis-subinċiżi (a), (b) u (ċ), jikkontempla tlett modalitajiet ta' kif network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika jista' jintuża bi ksur tal-liġi. Permezz tas-subinċiżi (a) u (b), il-leġislatur ried li jissanzjona l-użu ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika sabiex isir xi theddid, filwaqt illi taħt is-subinċiż (ċ), il-leġislatur inkluda dispożizzjoni

ġenerali sabiex jirregola kull użu ieħor ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika li allura ma jinkwadrax ruħu taħt is-subinċiżi (a) u (b), iżda ma jkunx xieraq. Għad illi l-liġi hawnhekk ma tispeċifikax it-tifsir tal-frażi *użu ieħor mhux xieraq*, il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna sservi sabiex tagħti gwida ta' dak l-użu li jagħti lok għar-reat in kwistjoni.

11. Hawnhekk il-Qorti tirreferi għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Martin Sammut) vs Dr. Alfred Grech** tad-19 ta' Lulju 2013, fejn ingħad hekk:

> 6. L-aggravju tal-appellant Dr. Alfred Grech jikkonsisti fil-fatt li skont l-appellant il-Qorti tal-Maġistrati interpretat ħażin il-portata tal-paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 49 tal-Att dwar il-Komunikazzjonijiet Elettorniċi (Kap. 399) li, skont l appellant u bl-applikazzjoni tar-regola tal-*eiusdem generis* ma hu xejn ħlief aspett ieħor tar-reati kontemplati fil-paragrafi (a) u (b) tal-istess artikolu u ċioe' aspett ieħor ta' għemil konsistenti f'theddid jew kliem malfamanti mentri l-messaġġi in kwistjoni jikkonsistu biss fi kliem vulgari.
>
> …
>
> 7. Il-fatti tal-każ ma humiex kontestati u jikkonsistu essenzjalment f'dawk ġia rikapitulati aktar 'l fuq f'din is-sentenza. L-appellant isostni li l-kliem użat fil-messaġġi li ntbagħtu minnu lil Julia Farrugia ma jikkonsistux f'theddid iżda jikkonsistu sempliċement fi kliem vulgari. Għandu jingħad li l-kombinazzjoni taż-żewġ messaggi in kwistjoni verosimilment jammontaw għal theddida ta' għemil żieni fuq il-persuna ta' Julia Farrugia li kien jirrażenta t-theddida ta' attentat vjolenti għall-pudur. Għalhekk, anki jekk l-appellant jingħata raġun fuq it-tifsira tal-paragrafu (ċ) tal-artikolu 49 tal-Kap. 339 il-messaġġi in kwistjoni jinkwadraw perfettament fl-istess paragrafu (ċ) kif mfisser minnu stess. Għandu jiżdied, b'danakollu, li l-paragrafu (ċ) msemmi ma jistax jiġi ristrett ghal theddid u ingurji kif jippretendi l-appellant għaliex ir-regola *eiusdem generis* applikata għall-paragrafu (ċ) għandha l-effett li testendi l-portata tal-paragrafi preċedenti u għalhekk l-għemil previst fil-paragrafu (ċ) ma jistax ikun identiku għall-għemil

previst fil-paragrafi (a) u (b) għaliex altrimenti l-paragrafu (ċ) jkun superfluwu.

...

12. L-għemil kkontemplat fil-paragrafi (a) u (b) jikkonsisti fl-użu minn xi persuna ta' *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika sabiex jikkomunika lil ħaddieħor theddida ta' għemil għall-għanijiet previsti f'dawk il-paragrafi. In vista ta' l-għanijiet hemm previsti ma hemmx dubbju li l-liġi fl-istess paragrafi qed tikkontempla għemil li bl-użu ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika huwa mmirat sabiex jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor. Meta fil-paragrafu (ċ) jingħad li "jagħmel użu <u>ieħor</u> mhux xieraq" (sottolinear tal-qorti) isegwi li dik id-dispożizzjoni titratta minn għemil li ma jikkonsistix neċessarjament f'theddid iżda li, bl-applikazzjoni tar-regola *eiusdem generis,* **huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieħor messaġġ li jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u għaldaqstant ma hux għemil xieraq.** Anki jekk, għalhekk, il-messaġġi in kwistjoni ma jitqiesux theddid iżda jitqiesu bħala messaġġi vulgari dan hu biżżejjed sabiex jinkwadraw f'dak projbit bil-paragrafu (ċ) msemmi in kwantu huma messaġġi li tal-anqas idejjqu, jivvessaw jew joffendu lil min jirċevihom u effettivament dejjqu, ivvessaw u offendew lil min irċevihom. Din hi l-konsegwenza tal-applikazzjoni korretta tar-regola *eiusdem generis* għall-interpretazzjoni tal-portata tal-paragrafu (ċ) msemmi. [enfasi ta' din il-Qorti]

9. Magħmula s-suesposti kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tibda billi tirriproduċi testwalment il-*Facebook post* in kwistjoni:

Proset lil FKNK ax kieku tlifna kollox taf xnafu ahna ingergru u nikritikaw lghaqda hawn tant cowboys hadt ma mar tahhom xebgha tajba lil dawn in nies ax issa too much qed jistidnuwa imbghad jajdu ax il kacaturi injoranti kemm ha ddum tisaportijom dawn il hmiec ta nies[4]

[4] Ara a fol. 12 tal-proċess.

10. Jingħad minnufih illi minkejja li f'dan l-aggravju tiegħu, l-appellant isostni illi r-rappreżentant tas-*Cyber Crime Unit* tal-Pulizija xehed illi mill-investigazzjoni tiegħu ma rriżultalu xejn u illi l-messaġġ tal-appellant ma sabux, fl-istess aggravju l-appellant isostni, kif xehed ukoll quddiem l-ewwel Qorti, illi kien proprju hu li ħalla l-kumment in kwistjoni taħt il-*Facebook post* tal-Onor. Ministru Clint Camilleri u dan wara illi sar mandat ta' inibizzjoni mill-*BirdLife* sabiex ma jinfetaħx l-istaġun tal-kaċċa (għall-gamiema) fir-Rebbiegħa.

11. Illi kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija Eżekuttiva, li ma ġiet kontestata bl-ebda mod mill-istess appellant, kif ukoll fix-xhieda tiegħu quddiem l-ewwel Qorti, l-appellant sostna li meta huwa kiteb dak il-kumment fuq il-midja soċjali, huwa kien qiegħed jistieden li tintuża' l-vjolenza kontra sħabu stess, il-kaċċaturi, li jiksru l-liġi u illi għalhekk b'dan il-kumment huwa ma kienx qiegħed jirreferi għall-*BirdLife Malta*. Matul ix-xhieda tiegħu, fil-fatt, l-appellant jgħid is-segwenti:

> Qorti: jiġifieri inti qed tghid, qed tistieden lill-kaċċaturi ħbieb tiegħek biex jagħtu xebgħa lil kaċċaturi oħra li jagħmlu ħsara. Hekk hu?
>
> Xhud: hekk hu mela x'hemm bzonn[5]

Illi in oltre iżjed qabel fix-xhieda tiegħu, in eżami, l-appellant jgħid illi huwa tenna dan il-kliem għaliex xi ftit jiem qabel kien għadu kemm inqatel xi tajr protett u illi dan kien qed jagħmel ħsara lill-istess kaċċaturi.[6] Jingħad hekk ukoll f'din ix-xhieda tal-appellant:

> Qorti: tikkonferma dak li dak il-kumment għamiltu int mela.Dak il-kumment inti għamiltu fuq il-facebook tal-ministru fejn ninfurmakom li kien għadu ġej mill-qorti għax kien hemm mandat, inti il-mandat taf min ghamlu hux hekk ?, taf min ipprova jwaqqaf il-kaċċa fir-rebbiegħa.
>
> Xhud: hux hekk

[5] Ara a fol. 37 tal-proċess.
[6] Ara a fol. 34 tal-proċess.

> Qorti: min ?
>
> Xhud: mhux tal-birdlife
>
> Qorti: ... Fehmni ftit naqra inti issa tajjeb biex nifhem jien.Mela facebook page tal-ministru qed jinfurmakom b' dak li ġara fil-kawża il-kawża taf li nfetħet mill-birdlife biex wafqukom li tagħmlu l-kaċċa, tajjeb u int qed tgħid ħadd ma mort ma' marthom xebgħa tajba lil dawn in-nies.Għal min qed tgħid għal dawn in-nies. Issa?
>
> Xhud: mhux għall-kaċċaturi, għax 10 bagħdan f'darba lejl wieħed.
>
> ...
>
> Xhud: Għal dawk in-nies qed ngħidlek.
>
> Qorti: ...Għal min qed tgħid għal dawn in-nies inti.?
>
> Xhud: Mhux għal min joħroġ għall-kaċċa close season u x'naf jien, biex isiru,jien li ġbidt l-attenzjoni sabiex ġieli tkellimt anke ma' klijenti ghax joqghod il-faċċata tiegħi meta jkun Malta, kemm il darba għedtlu qattu l-affarijiet ħżiena li jsiru meta jkun close season,[7]

12. Il-Qorti tinnota illi din kienet ukoll il-verżjoni tal-appellant fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija Eżekuttiva fit-30 ta' April 2022, fejn l-istess appellant, wara illi jgħid "*Ma nafx*" meta mistoqsi għal min kien qed jirreferi f'dan il-kumment, qal hekk meta mistoqsi jekk xtaqx iżid xi ħaġa oħra:

> Le. Pero jien li ridt infisser huwa fuq dawk li jisparaw fuq it-tajr protett ghax minhabba fijhom jehlu l-kaccaturi tal-affari taghhom.[8]

[7] Ara a fol. 36 u 37 tal-proċess.
[8] Ara a fol. 6 tal-proċess.

13. Bħall-ewwel Qorti qabilha, din il-Qorti ma tqisx illi l-verżjoni tal-appellant dwar lejn min kien indirizzat il-kumment tiegħu hija kredibbli jew verosimili, iżda temmen bis-sħiħ illi l-istess kumment kien fil-fatt indirizzat lejn il-*BirdLife*, wara li din l-għaqda ittentat twaqqaf il-kaċċa fir-Rebbiegħa permezz ta' mandat ta' inibizzjoni li ntavolat fil-Qrati Ċivili. Kif ingħad, fix-xhieda tiegħu quddiem l-ewwel Qorti, l-appellant jikkonferma illi huwa kien konsapevoli tal-fatt illi l-entita' li ppruvat twaqqaf il-kaċċa tal-gamiem fir-Rebbiegħa kienet din l-għaqda u kien proprju f'dan il-kuntest illi l-Onor. Ministru Clint Camilleri tella' l-*post* tiegħu u li dwaru, imbagħad, tħallew numru ta' kummenti minn diversi persuni, inkluż l-appellant odjern. Fil-fatt il-*post* tal-Onor. Ministru kien jaqra hekk:

> Wara li l-Qorti laqgħat mandat ta' inibizzjoni proviżorjament sabiex ma jiftahx l-istaġun tal-kaċċa għall-gamiema fir-Rebbiegha, u wara l-Qorti ffissat is-smiegh tal-mandat għad-19 t'April, jiġifieri wara d-data li fiha għandu jiftaħ l-istaġun:
>
> Illum il-Gvern ta' Malta permezz ta' l-Avukat ta' l-Istat ippreżenta rikors sabiex dan il-mandat ta' Inibizzjoni jinstema b'urgenza u qabel l-imsemmija data.[9]

14. Il-Qorti tinnota wkoll illi ħafna mill-kummenti taħt dan il-*post* kienu ndirizzati proprju lejn l-għaqda *BirdLife*. Hekk per eżempju:

> Il poplu iddcida f referendum u dan iridu jifmuh...id delizzju kien kemm min zmien l antik u ghandu jibqa. Ul forza u ir rispett lejn il poplu irid jigi ukoll minn naha tal birdlife jekk wara kollox jafu x inhu rispett
>
> ...
>
> Dawn biex ikissru delizziju biss qedin. Prosit Ministru ibqa ddefendihom kuragg fejn hemm is sahha hemm it tama
>
> ...

[9] A fol. 7 tal-proċess.

> Sur Ministru l qawl malti dejjem intqal hekk li 'l huta zghira qatt ma kielet lil kbira' pero jekk Dan isehh dan l qawl malti armuh lil hemm. Ghax tal birdlife huma l huta zghira u ha jikluna.
>
> ...
>
> Sur ministru Lil birdlife jek mhux ha taqtawlom il finanzi kola mhux ha ngawduh delizju bihom ax wisq qas naqra fi hwejigna al kwiet ma nistaw bijom[10]

15. Hawnhekk issir referenza mill-ġdid għall-kumment li kiteb l-appellant billi beda sabiex esprima s-sodisfazzjon tiegħu ("*Prosit*") lejn l-għaqda FKNK, tant li huwa jgħid illi li kieku ma kienx għall-intervent tagħhom "*...li kieku tlifna kollox*". Imbagħad l-istess kumment ikompli billi fir-rigward ta' dawk li huwa jsejħilhom "*ħmieċ ta' nies*" huwa jistaqsi kif ħadt għadu ma tahom xebgħa tajba u illi kienu qed jistidnuha "*ax issa too much*"; skont hu, jgħidu illi l-kaċċaturi injoranti, imma kemm ħa ddum tissaportihom lil dawn il-*"ħmieċ ta' nies*"? Huwa evidenti għal din il-Qorti illi għalkemm l-appellant ma jindirizzax espressament lill-għaqda *BirdLife* fil-kumment tiegħu, madankollu, huwa ma kienx qed jirreferi għal dawk il-kaċċaturi li ma jirrispettawx il-liġi; anzi fil-kumment tiegħu huwa qed jiddistingwi proprju bejn il-kaċċaturi, li jiġu msejħja injoranti, u grupp ieħor ta' nies. L-istess kumment neċessarjament irid jittieħed fil-kuntest li fih ġie miktub u jiġi mifhum u nterpretat fid-dawl tal-*post* li tella' l-Onor. Ministru Clint Camilleri fuq il-paġna tal-*Facebook* tiegħu fejn dan kien ħabbar kif il-Gvern ta' Malta tramite l-Avukat tal-Istat kien intavola rikors sabiex jinstema' b'urġenza u jiġi rikjamat mandat ta' inibizzjoni magħmul minn *BirdLife,* b'dan il-mandat ikollu bħala skop dak li titwaqqaf il-kaċċa fuq il-gamiem fir-Rebbiegħa, kif ukoll fil-kuntest tal-kummenti miktubin taħtu. Kif ingħad inkitbu diversi kummenti minn diversi persuni oħrajn, b'uħud jirreferu espressament għall-għaqda *BirdLife* u oħrajn evidentement ukoll jirreferu għal din l-għaqda minkejja li ma jsemmuhiex, proprju bħall-appellant odjern. Imkien ma jissemmew il-kaċċaturi li jiksru l-liġi jew illi dawn kienu għadhom kemm sparaw fuq tajr protett. Għalhekk din il-Qorti taqbel perfettament mal-ewwel Qorti meta kkunsidrat illi "*fiċ-ċikorstanzi li nkiteb dan il-kumment de quo, tali*

[10] A fol. 7 u 8 tal-proċess.

*kumment kien indirizzat lejn grupp ta' nies identifikabbli "Birdlife", li notarjament huma 'at loggerheads' mal-kaċċaturi f'ħafna istanzi*".

16. Din il-Qorti tqis ukoll illi oġġettivament, l-għemil ta' MICALLEF li jħalli dak il-kumment kien tali li jitrasmetti messaġġ li jagħmel ħsara, idejjaq, jivvessa u joffendi lill-għaqda *BirdLife Malta* tant illi fil-fatt, Mark Sultana fil-vesti tiegħu ta' *Chief Executive Officer* tal-istess għaqda ħass il-ħtieġa illi jagħmel rapport mal-Pulizija dwar l-istess kumment. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi tali kumment kien jinkwadra perfettament fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 49(ċ) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta u dan in linea mal-insenjament ta' din il-Qorti kif diversament preseduta fil-kawża **Il-Pulizija (Spettur Martin Sammut) vs Dr. Alfred Grech**, ċitata iżjed 'il fuq.

17. In kwantu għall-proviso tal-Artikolu 49 tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta, kif fis-seħħ fiż-żmien tal-każ odjern, din il-Qorti ma tqisx li l-kliem utilizzat minnu kien kliem li jista' sempliċement jiġi kategorizzat bħala kliem inġurjuż jew malafamanti[11], għaliex bi kliemu l-appellant kien qed jinstiga l-vjolenza. Hawnhekk irid jingħad ukoll illi anke li kieku għall-grazzja tal-argument biss, il-kumment tal-appellant kien immirat lejn dawk il-kaċċaturi li jiksru l-liġi, dan il-kumment kien tali illi jwassal għar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 49(ċ), irrispettivament għalhekk lejn min kien indirizzat.

18. Għaldaqstant din il-Qorti tqis illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant MICALLEF għall-ewwel imputazzjoni kif miġjuba kontra tiegħu, b'dan għalhekk illi qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

19. Illi fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant isostni illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħet qatt legalment u raġonevolment issib ħtija għar-reat fit-tieni imputazzjoni, liema imputazzjoni tikkontempla r-reat ravviżat fl-Artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali. Huwa jisħaq illi l-elementi li trid il-liġi sabiex jiffigura r-reat in kwistjoni f'dan il-każ huma neqsin, kif ukoll

---

[11] Fit-termini tal-Artikolu 2 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta, inġurja "*tfisser malafama bi stqarrija li tkun intqalet b'malizja bil-fomm*", filwaqt illi malafama "*tfisser il-komunikazzjoni ta' kliem li jagħmlu ħsara serja lir-reputazzjoni ta' persuna u tinkludi l-libell u l-inġurja*". Libell, imbagħad huwa mfisser bħala "*malafama permezz ta' pubblikazzjoni*".

illi l-Prosekuzzjoni ma ressqitx prova li bid-diskors miktub mill-appellant xi ħadd sofra mibgħeda, jew kien f'perikolu li jsofri mibgħeda jew vjolenza minħabba l-opinjonijiet li jħaddan. Huwa jilmenta illi lanqas l-istess Mark Sultana illi għamel ir-rapport qatt ma qal li huwa jew xi membru tal-*BirdLife Malta* f'xi mument ħassew ruħhom mhedda minħabba l-kumment tiegħu.

20. Illi l-Artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali jaqra bil-mod segwenti:

> (1) Kull min juża kwalunkwe kliem jew imġiba ta' theddid, abbużivi jew insolenti, jew jesibixxi xi materjal miktub jew stampat li jkun ta' theddid, abbużiv jew insolenti, jew xort'oħra jġib ruħu b'dak il-mod, <u>bil-ħsieb li b'hekk iqajjem mibegħda jew vjolenza kontra xi persuna oħra jew grupp ta' persuni fuq bażi ta'</u> ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, età, diżabilità, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew <u>opinjoni oħra</u> <u>**jew**</u> <u>b'hekk joħloq il-probabbiltà li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem tali vjolenza jew mibegħda</u>, għandu jeħel,meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sitt (6) xhur sa tmintax(18)-il xahar: [sottolinear ta' din il-Qorti]

21. In oltre fis-subartikolu (2) tal-istess artikolu, jingħad hekk:

> Għall-finijiet tas-subartikolu (1) "vjolenza jew mibegħda" tfisser vjolenza jew mibegħda kontra persuna jew grupp ta' persuni f'Malta definiti b'referenza għall-ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini nazzjonali jew etnika, età, diżabilità, ċittadinanza, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra.

22. Minn qari tal-liġi jirriżulta li sabiex ikun jista' jitqies integrat ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali, jeħtieġ illi kumulattivament jikkonkorru s-segwenti elementi:

    i) l-użu ta' kliem jew imġieba jew materjal miktub jew stampat li jkun ta' theddid, abbużiv, jew insolenti; u

ii) dan isir bil-ħsieb illi b'hekk titqajjem mibgħeda jew vjolenza **jew** bil-ħsieb li b'hekk joħloq il-probabbilta' li titqajjem tali vjolenza jew mibegħda, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha;

iii) tali mibgħeda jew vjolenza tkun indirizzata kontra persuna oħra jew grupp ta' persuni fuq bażi ta' ġeneru, identita` tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, eta`, diżabilita`, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra.

23. Illi fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Apap** tas-17 ta' Ġunju 2019, intqal is-segwenti fuq l-elementi tar-reat in diżamina:

> Dwar it-tieni reat u cioe dik ta' tixwix għal mibegħda razzjal kif dispost fl-artikolu 82 A tal- kodici kriminali jinghad li sabiex jissusti dan ir-reat hemm bzonn kemm l-actus reus kif ukoll dak ta' mens rea bhal f'kul reat iehor. L-actus reus kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti jikkonsisti fl-uzu ta' kliem ta' theddid, abbusiv jew insolenti waqt li l-mens rea ta' dan ir-reat jikkonsisti fl-intensjoni ix- xjenza li tkun qed tqajjem vjolenza jew mibgheda kontra xi persuna ohra minhabba ir- razza jew l- origini etnika taghha.

24. B'rabta mal-aggravju preċedenti, din il-Qorti diġa` kkunsidrat illi l-appellant kellu fil-mira tiegħu l-għaqda *BirdLife Malta* meta kiteb dak il-kumment fuq *Facebook.* Tqis ukoll illi l-kliem użat huwa indubjament wieħed li jinstiga vjolenza u għalhekk ta' theddid, kif ukoll insolenti, li jnissel sens ta' mibgħeda lejn l-istess għaqda bħala l-awturi ta' dik l-azzjoni ċivili li permezz tagħha setgħet titwaqqaf il-kaċċa tal-gamiem fl-istaġun tar-Rebbiegħa. Fiċ-ċirkostanzi li fihom inkiteb dan id-diskors fuq *Facebook* mill-appellant, huwa ċar illi tali diskors sar bil-ħsieb li titqajjem mibgħeda lejn dawk '*il-ħmieċ ta' nies'* ossia l-*BirdLife Malta*, li kellhom opinjoni differenti minn tiegħu u minn tal-kaċċaturi dwar il-kaċċa. Fil-klima ta' diżgwid bejn l-għaqda FKNK u l-kaċċaturi fuq naħa, u l-azzjonijiet tal-*Birdlife Malta* fuq in-naħa l-oħra sabiex titwaqqaf il-kaċċa fuq il-gamiem, il-kumment tal-appellant li qed jinstiga l-vjolenza fil-konfront ta' '*dawn in-nies'* billi tingħatalhom '*xebgħa*' għax *'issa too much'* u qed '*jistidnuwa'*, din il-Qorti tqis illi ġie pruvat kemm l-element

materjali, kif ukoll dak formali tar-reat ravviżat fl-Artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali. Dan għaliex kif ingħad dan l-artikolu ma jipprospettax biss xenarju fejn is-suġġett attiv tar-reat jirnexxilu jikkreja il-probabbilta' li titqajjem mibgħeda jew vjolenza, iżda huwa suffiċjenti illi jiġi ppruvat illi l-appellant kellu l-ħsieb li jqajjem mibgħeda jew vjolenza, ħsieb dan illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, jirriżulta b'mod ċar fil-kumment tal-istess appellant.

25. L-appellant isostni wkoll illi Mark Sultana imkien ma qal illi hu jew il-membri tal-għaqda ħassewhom mhedda b'dak il-kumment. Din il-Qorti ma tqisx illi dan huwa element essenzjali sabiex jirriżulta r-reat in kwistjoni. Madankollu, mix-xhieda ta' Sultana jirriżulta illi, tenut kont ukoll taċ-ċirkostanzi fiż-żmien in kwistjoni, tali kumment qajjem preokkupazzjoni fih għaliex "*ikun hemm min forsi jitlef ftit is-sens komun*", tant illi huwa ddeċieda illi jagħmel rapport lill-Pulizija. In oltre anke hawn, din il-Qorti hija tal-fehma illi, anke li kieku għall-grazzja tal-argument biss, il-kumment tal-appellant kien indirizzat lejn dawk il-kaċċaturi li ma jimxux mal-liġi, fi kwalunkwe każ, tali kumment kien tali illi jidħol fil-parametri tal-Artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali.

26. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant għal din it-tieni imputazzjoni, b'dan għalhekk illi t-tieni aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

27. Illi in kwantu għat-tielet aggravju, l-appellant jilmenta dwar l-apprezzament ħażin tal-provi illi, skont hu, għamlet l-ewwel Qorti, meta qieset illi l-kumment tiegħu kien indirizzat lejn *BirdLife Malta* u l-membri tagħha. L-appellant isostni illi dan il-kumment kien indirizzat lejn "*dak l-element kriminali fi ħdan il-fraternita` tal-kaċċaturi*" li jisparaw fuq tajr protett bir-riżultat illi jagħmlu ħafna ħsara lill-kaċċaturi l-oħrajn li josservaw il-liġijiet u illi jispiċċaw ibatu l-konsegwenzi tal-aġir illegali ta' dawn il-kaċċaturi. Skont l-appellant, mingħajr ebda raġuni valida, l-ewwel Qorti skartat għal kollox il-verżjoni tal-appellant. Huwa jsostni illi la kien *safe* u lanqas *satisfactory* illi l-ewwel Qorti tistrieħ biss fuq il-presunzjoni tal-Prosekuzzjoni illi l-kumment kien indirizzat lejn *BirdLife Malta,* fil-waqt illi skartat kompletament ix-xhieda tal-appellant u illi d-dubju kellu jmur favurih. Kien biżżejjed għad-difiża li tipprova l-każ

tagħha fuq bilanċ ta' probabbilta`, jisħaq l-appellant u l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-każ tagħha fil-grad rikjest mil-liġi.

28. Illi fir-rigward, din il-Qorti diġa` għamlet il-kunsiderazzjonijiet tagħha b'rabta mal-ewwel aggravju. Hawnhekk il-Qorti terġa' tirrabadixxi illi fil-kuntest tal-avvenimenti taż-żmien in kwistjoni u tal-*Facebook post* tal-Onor. Ministru Clint Camilleri, kif ukoll tal-kummenti li tħallew minn terzi persuni in konnessjoni mal-istess avveniment u *post,* taħt liema kummenti, imbagħad, ħalla l-kumment tiegħu l-appellant, din il-Qorti ma tistax ħlief tikkonkludi illi l-istess kumment tal-appellant kien indirizzat lejn min kien qiegħed jittenta illi jwaqqaf il-kaċċa tal-gamiem fir-Rebbiegħa. Din kienet ukoll il-konklużjoni – fil-fehma ta' din il-Qorti, korretta – tal-ewwel Qorti, li ħadet in konsiderazzjoni il-kliem użat mill-appellant fil-kumment tiegħu, il-kuntest li fih inkiteb dan il-kumment, illi l-appellant kien jaf li kienet l-għaqda *BirdLife Malta* illi ntavolat il-mandat sabiex twaqqaf id-delizzju tal-kaċċaturi, u illi huwa notorju illi l-għaqda *BirdLife* tkun *at loggerheads* mal-kaċċaturi f'ħafna istanzi. In oltre kuntrarjament għal dak li jsostni l-appellant, l-ewwel Qorti qieset ukoll il-verżjoni tiegħu, iżda kkunsidrat illi tali verżjoni kienet mhux biss waħda frivola, iżda addirittura waħda ntiża sabiex tgħaddi ż-żmien bil-Qorti.

29. Għaldaqstant, dan l-aggravju tal-appellant qiegħed ukoll jiġi miċħud.

30. Illi in kwantu <u>r-raba' aggravju</u> tiegħu, l-appellant jilmenta illi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti hija waħda eċċessiva, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluż illi l-aġir tiegħu ma kellu l-ebda konsegwenza. L-appellant isostni wkoll illi l-ewwel imputazzjoni ngħatat bħala mezz għal fini għat-tieni imputazzjoni u għaldaqstant, il-multa kif ikkontemplata fl-Artikolu 49(ċ) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta, ma kellhiex tiġi mposta flimkien mal-piena ta' priġunerija applikabbli taħt l-Artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali.

13. Illi jingħad li huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, jeħtieġ illi jirriżultalha illi tali piena tkun waħda żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Fis-sentenza tagħha tal-24 ta' April 2003 fl-

ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) qalet hekk:

> ... din il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**" deciza fl-14 ta' Gunju, 1999 fejn din il-Qorti kienet qalet illi:-
>
> *"Mhux normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt"*

Fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Awwissu 2005 fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Kandemir Meryem Bilgum and Kucuk Melek**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rreferiet għal *Blackstone's Criminal Practice 2004* dwar din il-materja, filwaqt illi kompliet tgħid illi din hija l-posizzjoni adottata konsistentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kemm fis-sede superjuri kif ukoll f'dik inferjuri:

> "***The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was***

***excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed.***"[12]

31. Illi għalhekk din il-Qorti ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti sempliċiment għaliex din tippreskrivi piena ogħla minn dik li din il-Qorti kienet tagħti li kieku kienet hi li erogat il-piena. Sabiex l-appell jirnexxi, jeħtieġ illi l-appellant juri illi l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Jeħtieġ għalhekk illi din il-Qorti tagħmel l-analiżi tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva, meta wieħed iqis ukoll l-aspetti retributtivi u preventivi tal-piena.[13]

32. Illi fil-każ odjern, kif ingħad, l-ewwel Qorti kkundannat lill-appellant komplessivament għall-piena ta' priġunerija ta' sitt xhur, li bis-saħħa tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, ġiet sospiża għall-perjodu ta' tlett snin, flimkien ma' multa fis-somma komplessiva ta' tlett elef ewro (€3,000). Fit-termini tal-Artikolu 49(ċ) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta, il-piena preskritta hija dik ta' multa ta' mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf ewro (€25,000) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn ħames mitt ewro (€500) għal kull jum li matulu jkompli r-reat. In kwantu r-reat taħt l-Artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali, il-piena applikabbli hija dik ta' priġunerija minn sitt xhur sa tmintax-il xahar.

33. Kif ingħad, parti mill-ilment tal-appellant in kwantu l-piena, huwa fis-sens illi r-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni ossia r-reat taħt l-Artikolu 49(ċ) tal-Kap. 399, kellu jiġi meqjus bħala mezz għal fini għar-reat mertu tat-tieni imputazzjoni u ċioe` r-reat taħt l-Artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk ma kellhiex tiġi mposta fuqu l-multa preskritta fl-Artikolu 49(ċ) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta. Kif ingħad, l-ewwel Qorti għaddiet sabiex timponi kemm il-piena taħt l-Artikolu 49(ċ) tal-Kap. 399, kif ukoll dik taħt l-Artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali.

---

[12] Page 1695, para. D23.45
[13] Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta' Ottubru 2019, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk, Mallem Abderrahmane, Lazhari Zamouche**.

34. Illi fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tas-26 ta' Lulju 2024, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ilewi Nawar**, intqal hekk dawk il-konkors formali jew ideali tar-reat jew 'l hekk imsejjaħ *concursus delictorum*:

> … att doluż uniku riżultanti mill-istess intenżjoni kriminuża jista` jagħti lok għall-ksur ta` aktar minn disposizzjoni waħda tal-liġi. Dan huwa l-konkors formali jew idejali tar-reat li għalkemm mhux ikkontemplat fil-liġi, madanakollu din il-finzjoni legali għandha tkun applikata fil-kalibrazzjoni tal-piena u dan meta l-istess fatt qed jagħti lok għal kummissjoni ta' iktar minn reat wieħed.
>
>> **"… l-prattika kostanti tal-Qrati taghna fil-materja ta` reat uniku tindika illi fejn si tratta ta` "un solo e medesimo fatto", cjoe` att wiehed li jkun jirrizulta mil-istess intenzjoni kriminuza, liema att jinvolvi aktar minn dispozizzjoni wahda tal-ligi, ikun hemm l-unicita` tar-reati, cjoe` jkun hemm reat wiehed, dak magguri, salv pero` illi trid tirrizulta` necessajament dik li hija msejha bhala l-inseparabilita` naturali u guridika bejn iz-zewg reati. F'dan il-kuntest mhux intiz biss il-fatt storiku jew naturali, fid-diversi mumenti tieghu imma l-fatt guridiku fil-kumpless tieghu."**[14]
>
> …
>
> Illi, dina l-ipotezi tal-konkors formali tar-reati giet imfissra fl-artikolu 78 tal-Kodici penali Taljan tal-1889 –
>
>> ***"Colui che con un medesimo fatto viola diverse disposizioni di legge, e' punito secondo la disposizione che stabilisce la pena piu' grave."***
>
> Illi, dwar dan il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu dwar il-Proċedura (paġna 45) jgħid hekk –
>
>> ***'In any such case if the agent is tried for any one of the several violations of the law arising out of that fact, be it***

[14] Hawnhekk il-Qorti għamlet referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Michael Bonnici u Joseph Azzopardi**, tal-11 ta' Jannar 1994.

> ***even the least serious, and a judgement is given, it shall not be lawful to subject the agent to another trial for the more serious violations. This principle, first expressly affirmed in 'Rex versus Rosaria Portelli' has now become settled law."***

Kien deċiż –

> **"Fil-fatt fit-2 ta' Diċembru, 1939, l-Imħallef Harding fil-każ 'Camilleri versus Cilia' kien qal li huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li meta mill-istess fatt, mibni fuq l-istess intenzjoni, jinkisru żewġ drittijiet jew aktar, m'hemmx pluralita' ta' offiżi iżda offiża waħda bil-vjolazzjoni li jkunu iżgħar jkunu assorbiti fil-vjolazzjoni l-aktar serja. U jekk persuna tkun iġġudikata għal waħda mill-vjolazzjonijiet u jkun meħlus jew jinsab ħati, is-sentenza iżżomm kull prosekuzzjoni ġdida li tista' ssir għal kull vjolazzjoni oħra, ukoll jekk il-vjolazzjoni li jkun tressaq fuqha l-ewwel darba tkun l-anqas waħda serja.**"[15]

35. Illi fil-każ odjern, jirriżulta għalhekk il-konkors formali jew ideali tar-reat u dan għaliex b'azzjoni waħda, l-appellant kiser żewġ disposizzjonijiet tal-liġi, b'dan għalhekk illi għandha tapplika l-piena għar-reat l-iżjed gravi, f'dan il-każ ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali, li jippreskrivi piena ta' priġunerija.

36. L-appellant għalhekk għandu raġun fis-sens illi ma kellhiex tiġi applikata fil-konfront tiegħu wkoll il-piena prevvista fl-Artikolu 49(ċ) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta. Madankollu, in kwantu l-piena imposta mill-ewwel Qorti taħt l-Artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali, ossia dik ta' sitt xhur priġunerija (li ġiet sospiża għall-perjodu ta' tliet snin), din kienet mhux biss piena fil-parametri tal-liġi, iżda addirittura waħda fil-minimu, u għalhekk ma jistax jingħad illi tali piena kienet waħda manifestament eċċessiva.

---

[15] Hawnhekk il-Qorti rreferiet għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Gregory Paul Brincat et** tal-20 ta' Settembru 2012.

**DECIDE**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell tal-appellant **Stephen MICALLEF** u filwaqt illi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-istess appellant instab ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u ġie kkundannat għall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija, li bis-saħħa tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, ġiet sospiża għall-perjodu ta' tlett (3) snin, liema perjodu għandu jibda jiddekorri mil-lum, tirrevokaha in kwantu l-appellant ġie kkundannat ukoll għal piena ta' multa fis-somma ta' tlett elef ewro (€3,000).

Fit-termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lill-appellant fi kliem ċar, il-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija, waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**

**Joyce Agius**
**Deputat Reġistratur**